

L-Erbgħa, 6 ta' Mejju 2009

**L-Grupp ta' Regolaturi Ewropew fit-Telekomunikazzjonijiet (BEREC) u l-Uffiċċju
***II**

P6_TA(2009)0362

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Mejju 2009 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Grupp ta' Regolaturi Ewropew fit-Telekomunikazzjonijiet (GRET) (16498/1/2008 – C6-0067/2009 – 2007/0249(COD))

(2010/C 212 E/42)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (16498/1/2008 – C6-0067/2009),
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ⁽¹⁾ dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0699),
 - Wara li kkunsidra l-proposta emendata tal-Kummissjoni (COM(2008)0720),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomondazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A6-0271/2009),
1. Japprova l-pożizzjoni komuni kif emendata;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

(1) Testi adottati, 24.9.2008, P6_TA(2008)0450.

P6_TC2-COD(2007)0249**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fis-6 ta' Mejju 2009 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru .../2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Uffiċċju**

(Peress li ntlaħaq fehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (KE) Nru 1211/2009.)